FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 29 TA' SETTEMBRU 2016

Il-Pulizija

(Spett Jonathan Ransley)

vs

Vincenzo Brancaccio

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 39641(A) akkuzat talli nhar is-7 ta' Settembru 2014 ghal habta ta' 5.20am u fis-sighat ta' wara gewwa San Giljan:

1. ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attaka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra PS 928 Ramon Grech Mifsud u PC 901 Christopher Attard, sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillom hsara;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsra ma tiskorrix elf, milja u erbgha u stiin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.49), imma huwa izjed minn mija

u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta’ Ramon Grech Mifsud u Christopher Attard, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numri 238271M u 277874M rispettivament u jew ta’ persuni jew entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-ARtikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex li f’kaz ta’ htija, l-imsemmi Vincenzo Brancaccio jhallas lil partijiet offiza dak l-ammont ta’ flus li jista jigi stabbilit mill-Qorti, f’dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf, kif imsemmi jew ghad-danni jew hsra kagunati permezz tar-reat.

Semghat lill-imputat fi stadju inoltrat tal-kawza jirregistra ammissjoni fl-liema insista anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet l-imputat fl-istadju inoltrar tal-kawza jirregistra ammissjoni fl-liema insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Ikkonsidrat:

Bl-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat huwa qieghed jammetti ghar-reati:

i. ta’ ingurja u theddid kontra pulizija qua ufficjali pubblici – Artikolu 95 tal-Kap 9;
ii. ta’ attakk jew resistenza kontra l-istess pulizija – Artikolu 96 tal-Kap 9;
iii. ta’ hsara kkagunata lil Raymond Grech Mifsud u Christopher Attard fuq hwejjeg mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal bejn €116.41 u €1164.69;
iv. wkoll ghal offizi kontravenzjonali taht l-Artikolu338(dd)(ee)(ff) li l-piena ghalihom hi assorbita ai termini tal-Artikolu 17(d) tal-Kap 9.

Intant, fuq l-iskorta tal-ammissjoni l-imputat ghandu jigi, kif fil-fatt ser jigi, dikjarat hati tal-akkuzi kollha li taghhom hu akkuzat wara debita konsiderazzjoni tal-fatti li taw lok ghall-akkuzi li per se, partikolarment fir-rigward l-ewwel tnejn, huma gravi u jassumu dimensjoni gravissima fid-dawl tal-fatti li sehhew u li taw lok ghalihom. Ghal fatti kif sehhew huwa responsabbli unikament l-imputat u fir-rigward taghhom xehdu Ps928 Ramon Mifsud (folio 24 et seq) Pc 1052 Brian Tonna (folio 42 et seq) u Pc901 Christopher Attard (folio 75 et seq). Ix-xhieda taghhom hi elokwenti bizzejjed li minghjr ebda titubanza l-Qorti hi tal-fehma li piena ta’ habs tkun misthoqqa. Ta’ minn jissoferma wkoll fuq il-fatt tal-hin u li l-muzika kienet tinstema’ minn barra bi pregudizzju u inkonvenjent tal-girien.

Tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 95,96(a),325(1)(b), 338(dd)(ee)(ff), 17(b)(d) tikkundannah komplessivament ghal sentejn

priguneriha li in forza tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghda tissospendihom ghal erba snin mill-lum u multa ta' €1,000 euro.

Il-Qorti fehmet lill-imputat f'lingwa li jifhem, ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat.